MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 343/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Paul Bond)**
**Vs**
**Sandra (Alexandra) Debono**

Il-Qorti,

1. Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellata Sandra (Alexandra) Debono detentriċi tal-karta tal-identita` numru 332669 (M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Marzu 2007 għall-ħabta ta' bejn it-3.00 p.m. u t-3.30 p.m. waqt li kienet qegħda ssuq karozza li ġġib numru JDB-070 t'għamla Toyota ta' kulur iswed, matul Triq Burmarrad, Burmarrad b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas

ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, għamel "U" Turn bl-imsemmija karozza, bil-konsegwenza li ħabtet ma' mutur li jgib numru JOS-898 tal-għamla Kawasaki li kien qiegħed jiġi misjuq minn Adrian Godfrey Julian Borg, u bl-istess ħabta kkaġuna l-mewt tal-istess Adrian Godfrey Julian Borg.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Ġunju, 2012, li biha, ddikjarat lill-appellata mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfronti tagħha u konsegwentement illiberatha mill-istess imputazzjonijiet.

3. Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fl-4 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha miġjuba f'dan il-każ issib lill-imputata appellata ħatja tal-akkuzi kif dedotti kontra tagħha u tinfliġġi l-piena skont il-Liġi.
4. Fliet l-atti kollha proċesswali.

5. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

6. Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u cioe':-

Illi fil-21 ta' Gunju 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha kif hawn fuq riferita, għamlet kemm enunzazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba kif ukoll tal-liġi, li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputata appellata mill-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell inter alia ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>1. Enunzjazzjoni żbaljata tal-provi</u>**

7. Illi jigi umilment sottomess illi l-esponent ma jaqbilx mal-Qorti tal-Magistrati (Malta) meta qalet li l-incident awtomobilistiku seħħ unikament tort tal-vittma Godfrey Julian Borg u dan għal diversi raġunijiet.

8. Illi mhux qed jiġi kkontestat il-fatt illi l-vittma seta' kien qed jagħmel xi manuvra ta' sorpass f'din l-imsemmija triq liema, manuvra li kienet qed issir kontra r-regolamenti tat-traffiku u li l-esponenti lanqas ma jikkontesta l-fatt li l-vittma seta' kien għaddej b'veloċita' għolja skond kif rapportat mill-espert tekniku;

9. Illi pero' l-espert tekniku jirraporta wkoll fir-rapport tiegħu a fol 44 tal-process verbal illi "l-impatt seħħ f'nofs it-triq u ċioe' fuq il-carriage way markings". Dan neċessarjament jimplika illi, filwaqt li mhux kontestat li l-vittma kien għaddej fuq dawn il-carriageway markings kontra r-regolarmenti tat-traffiku, l-istess kienet qed tagħmel l-imputata appellata;

10. Illi l-istess espert fir-rapport tiegħu iżid illi "il-post impact tal-incident juri li bid-daqqa kemm il-vettura u anki l-mutur spiċċaw fuq in-naha l-oħra tat-triq. Infatti l-vettura spiċċat tħares fid-direzzjoni opposta. Dan jikonkludi li l-vettura ta' Debono kellha t-tajers imdawrin sabiex tagħmel xi manuvra ta' U-turn'; (sic!)

11. Illi l-istess espert tekniku jikkonferma dan il-fatt anke quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn, meta mistoqsi jekk effettivament l-imputata appellata qatt għamlitx xi manuvra ta' u-turn qabel sehh l-impatt, a fol 109 tal-proess l-espert speċifikament jgħid illi l-imputata appellata "*kienet ħa tibda l-esekuzzjoni tal-u-turn... Nista' ngħidha... Ir-roti kienu mdawrin żgur";*

12. Illi dan kollu jispjega r-raguni għaliex l-imputata appellata dak il-ħin tal-impatt kienet
tinsab fuq il-carriage way markings u ċioe' sabiex tagħmel manuvra konsistenti f'U-turn fi triq liema manuvra mhux permessa li ssir;

13. Illi meta l-imputata appellata kienet qed tagħmel din il-manuvra, minbarra li kienet qed tagħmilha bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku, tali manuvra għamlitha mingħajr mal-imputata appellata żammet 'a proper look-out;'

14. Fil-kaz 'Il-Pulizija v Vella', deċiża nhar l-10 t' Awissu 1963, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi "*In-nuqqas ta' sewwieq li jara dak li huwa in plain view, ossia dak li hu raġonevolment viżibbli, huwa auto kolpanti billi jimplika li ma jkunx qed iżomm a proper lookout";*

15. Illi fil-każ in dizamina jirriiżulta li l-inċident awtomobilistiku seħħ tlieta u disgħin metru (93) 'l isfel mill-ewwel liwja li hemm fil-bidu ta' din l-imsemmija triq, ċioe' fil-parti d-dritta tat-triq, u għaldaqstant il-viżibilita' għas-sewwieqa ma kinetx ristretta minn ebda ostakli.;

16. Illi għaldaqstant l-esponent hu tal-fehma illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha li kienet tinsab fihom l-imputata appellata waqt li din kienet ser tagħmel manuvra ta' U-turn, (inkluż iċ-ċirkostanza li l-vittma kienet qed tagħmel manuvra ta' sorpass) jindikaw illi l-imputata appellata raġonevolment setgħet tara lill-vittma ġej fid-direzzjoni tagħha li kieku żammet a proper look out u li kieku tat l-aħħar daqqa t'għajn fuq it-triq, possibilment anke mis-side mirror tal-karozza qabel bdiet tintraprendi dik il-manuvra u għalhekk ma jmissha qatt bdiet tesegwixxi dik il-manuvra. In fatti, bil-fatt li l-vittma kienet qed tagħmel dik il-manuvra ta' sorpass neċessarjament jimplika illi l-istess vittma ma kienx qiegħed moħbi wara xi vettura oħra. Għalhekk, jidher car illi l-viżwali tal-imputata appellata ma kienet bl-ebda mod impedita b'xi tip ta' ostaklu. Fi kliem ieħor, il-vittma kien in plain view u raġonevolment viżibbli għall-imputata appellata; kieku almenu indenjat ruħha thares u tivverifika u żżomm proper look out qabel bdiet il-manuvra. Għalhekk, li kieku l-istess appellata żammet a proper look-out din kienet tkun tista' facilment tevita dan l-incident awtomobilistiku billi ma kinetx toħroġ fuq il-carriage way markings sabiex tibda tesegwixxi il-manuvra in kwistjoni;

17. Illi fil-kaz 'Il-Pulizija vs Charles Cini,' deċiż nhar it-28 ta' Settembru 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li kkwotat il-każ fl-ismijiet 'il-Pu!izija vs Mario Gellel', qalet illi:

*"…. kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs Charles Bartolo, 14.3 .59, Pol. vs Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma li-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim. Pu!. Vs Hardingham, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pu!. vs Charles Farrugia [Vol. XXX1X iv .978]). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. Vs Joseph Aquilina, 20.4,1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pu!. vs Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])."*

18. Fil-każ 'Il-Pulizija vs Anthony Zammit', deċiża nhar il-11 t'April 2005, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkwotat l-awtur Ingliż Salmon li fil-ktieb tieghu Law of Torts, second edition, f'pagna 230 jispjega li:

"The duty of a driver of a vehicle is to use proper care not to cause injury to persons on the highway or in the premises adjoining the highway. Proper care connotes avoidance of excessive speeds, keeping a good lookout, observing traffic rules and signs and so on. A failure on the part of any person to observe any provision of the Highway Code may in any civil proceedings be retained upon by any party to the proceedings as lending to establish or to negative any liability which is in question in these proceedings".

19. Illi bir-rispett kollu għalhekk jidher ċar illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ naqset milli tapprezza il-fatt illi meta l-imputata appellata bdiet tesegwixxi l-U-turn kontra r-regolamenti tat-traffiku, u mingħajr ma żammet a proper look-out qabel tibda tagħmel din il-manuvra, l-istess appellata kienet saqet b'nuqqas ta' prudenza ordinarja u għalhekk saqet b'mod negliġenti jew traskurat liema negliġenza jew traskuragni wasslet għall-ħabta mal-

mutur tal-vittma li eventwalment wasslet għall-mewt tiegħu;

20. Illi l-esponent mhux qed jeskludi l-fatt li l-vittma seta' kien qed jagħmel xi manuvra ta' sorpass, jew li seta' kien għaddej b'veloċita' għolja. Biss pero' l-esponent hu tal-fehma illi dawn iċ-ċirkostanzi sempliciment jikkostitwixxu forma ta' 'contributory negligence'. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet illi " Kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati... *kull sewwieg iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel ħaddieħor ammenoche' dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklużivament għall-ħtijiet ta' ħaddieħor, u dan għaliex il- contributory negligence ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru* (enfasi tal-esponenti)

21. Illi fit-tieni rapport tiegħu l-espert tekniku a fo! 127 jispjega illi *"qabel ma seħħet il-ħabta Alexandra Debono kienet ser tibda tagħmel il-manuvra tal-U turn fit-triq meta għal xi raġuni Adrian Julian Borg inħasad u hu ma setax jikkontrolla u ċioe' jwaqqaf il-mutur fil-hin li kien qed isuq b'konsegwenza li l-ewwel hu skiddja bil-mutur u baqa' diehel gol-vettura li kienet quddiemu"*. Ma hemmx dubju, għalhekk, illi l-inċident awtomobilistiku ma kienx dovut unikament u esklussivament għall-ħtijiet tal-vittma peress li jidher li l-istess vittma inħasdet hekk kif appena lemħet lill-imputata appellata qed tagħmel il-manuvra tal-U turn kontra r-regolamenti tat-traffiku. Għalkemm l-espert tekniku jgħid i!li ma setax jifhem kif il-vittma inħasdet peress li seta' jara lill-imputata appellata tagħmel din il-manuvra minn disgħin metru bogħod qabel seħħ l-impatt, l-istess l-esponent ma jistax jifhem kif l-imputata appel!ata ma ratx lill-vittma ġejja fid-direzzjoni tagħha meta kif spjegat hawn iktar 'l fuq jidher li ma kien hemm xejn li seta' jostakola l-viżwalita' tagħha u in vista ta' dan il-fatt l-esponent jemmen illi l-imputata appellata ma żammitx a proper look out. Wara kollox setgħet il-vittma ragonevolment tassumi li l-imputata (jew xi sewwieq ieħor) jibda jagħmel manuvra ta' U-turn fejn mhux suppost li jsir waqt illi jkun huwa qiegħed isuq? B'din il-manuvra ta' U-turn l-imputata ġiet li ħolqot emerġenza subitanea lill-

vittma b'mod li jiġġustifika għaliex ħasditu u b'hekk tilef il-kontroll tal-mutur u konsegwentement tilef ukoll hajtu.

## 2. Enunzjazzjoni żbaljata tal-liġi

22. Illi l-esponent jirrimarka illi l-verżjoni li fil-fatt xi tip ta' manuvra (li kif spjegat iktar 'l fuq din kienet U-turn skont l-espert tekniku) kontra r-regolamenti tat-traffiku kienet qed issir mill-imputata appellata qabel seħħ l-incident, hi konfermata minnha stess waqt id-depożizzjoni tagħha quddiem l-espert tekniku;

23. Jidher pero' li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) għażlet li, in linea ma' żviluppi kostituzzjonali reċenti, ma tiħux konjizzjoni ta' tali deposizzjoni stante li l-imputata appellata ma ngħatatx il-fakulta' li tikkonsulta ma' avukat qabel ġiet mitluba tagħti din id-depożizzjoni;

24. Illi bir-rispelt kollu lejn dik il-Qorti sa fejn jaf l-esponent l-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*'Bla ħsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Ghassa jew f'xj_post iehor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, tiħhalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wicc jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tġgi interrogata, l-persona taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu.*

25. Illi mill-fatti kif prezentati f'dan il-kaz minn imkien ma jirriżulta illi l-imputata appellata f'xi mument kienet qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni. Għaldaqstant, l-esponent ma jistax jifhem kif il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li tiskarta d-deposizzjoni magħmula mill-imputata appellata quddiem l-espert tekniku;

26. Illi l-esponent jemmen illi dan id-dritt għall-assistenza legali kif enunċjat mil-Qorti Ewropea qed jiġi applikat b'mod assolutista u estremista mill-Qrati Maltin bil-konsegwenza li qed twassalhom sabiex jiskartaw kull tip ta' stqarrija, f'dan il-każ anke deposizzjoni quddiem espert tekniku, li ssir minn persuna li tkun għażlet li tagħmilha minn jhedda u wara li kienet imwissija li jekk tagħti tali stqarrija din tista' tinġieb bi prova;

27. Illi l-esponent itenni illi l-applikazzjoni ta' dan id-dritt mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet assolutament żbaljata fil-każ in diżamina stante li ċ-ċirkostanzi li kienet tinsab fihom l-imputata appellata ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk ravvisati taħt l-artikolu 355AT imsemmi hawn iktar 'l fuq.

28. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**It-Tieni Aggravju tal-Avukat Ġenerali**

29. Il-Qorti jidhrilha li għandha teżamina t-tieni aggravju qabel l-ewwel wieħed.

30. L-Avukat Ġenerali jissottometti li l-Qorti tal-Maġistrati jmissha ikkonsidrat id-depożizzjoni li tat l-appellata quddiem l-espert tekniku.

31. Jirriżulta mill-atti li l-Qorti tal-Maġistrati tat is-sentenza tagħha fil-15 ta' Ġunju, 2012 u kienet qed issegwi s-sentenzi mogħtia mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każi ta' Mark Lombardi (12/04/2011), Esron Pullicino (11/04/2011) u Elvin Privitera (11/04/2011).

32. Ġara li wara li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenzi oħra li mxew xi ftit differenti minn dawk is-sentenzi fosthom Charles Steven Muscat vs Avukat Ġenerali li ngħatat fit-**8 t'Ottubru 2012.**

33. Minħabba fil-bdil fil-każistika tal-Qorti Kostituzzjonali, din il-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju tal-Avukat Ġenerali u għalhekk ser tifli x'qalet l-appellata lill-espert.

34. Minn din ix-xhieda jirriżulta li wara l-appellata kien hemm aktar vetturi u lil tal-mutur qatt ma ratu. Lanqas il-ħsejjes ta' magna jew brejkijiet ma semgħet. L-appellata kienet wieqfa u reggħet bdiet issuq. Hija xegħlet l-indicator u bdiet tagħmel il-manuvra li kien qed jagħmel ta' quddiemha, Ma kinitx taf għalfejn seħħet din il-manuvra li għamel ta' quddiemha peress li hi ħasbet li kien hemm xi ħaġa li tostakola fuq in-naħa tax-xellug. Testwalment hija qalet hekk:

'Jien qatt ma kont ser nagħmel U-turn peress li jien ma kelli ebda skop li mmur lura lejn il-Mosta.'

35. Fil-fehma tal-Qorti m'hawn xejn f'dak li qalet l-appellata li b'xi mod jinkriminaha. Għalhekk waqt li qed tilqa' t-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti ma jidhrilhiex li dak li ntqal mill-appellata lill-espert jista' b'xi mod ikun ta' dannu għaliha.

## L-Ewwel Aggravju tal-Avukat Ġenerali

36. Li l-ewwel aggravju tal-appell tal-Avukat Ġenerali huwa prinċipalment dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati kemm f'dak li huma xhieda okulari kif ukoll ix-xhieda esperti. Il-prattika tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'appelli bħal dawn hija li ma tiddisturbax il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din il-Qorti setgħet tasal għal din il-konklużjoni legalment u raġjonevolment. Filfatt fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Pierre Buttigieg' tas-17 ta' Settembru 2008, Appell Kriminali 27/2008 preseduta mill-Imħallef l-Onor Dr Joseph Galea Debono intqal hekk:

'Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw prinċipalment l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Illi trattandosi ta' apprezzament tal-fatti, hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta'

appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx ragjonevolment tasal ghall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni (ara f'dan issens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs.Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs.Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991]; **"Il-Pulizija vs.Anthony Zammit"** [31.5.1991] u oħrajn .)'

37. Għalhekk il-Qorti għarblet il-provi mill-ġdid li minnhom jirriżulta dan li ġej.

38. Xehed l-**Ispettur Paul Bond** li qalli fil-25 ta' Marzu 2007 kien mgħarraf li sewwieq (Adrian Godfrey Julian Borg) li kien isuq mutur tal-għamla Kawasaki u li jġib in-numru JOS 898 kien weġġa' sew fit-triq ta' Burmarrad. Meta x-xhud mar fuq il-post huwa nnotalir-raġel tal-imputata jagħti n-nifs lill-vittma fuq il-post iżda l-vittma miet mad-daqqa. Il-vittma kien ħabat ma' karozza JDB 070 li kienet sejra fid-direzzjoni ta' Burmarrad. Biss kien jidher li l-imputata kienet ippruvat tagħmel manuvra biex iddur lura u b'konsegwenza t'hekk is-sewwieq daħal bil-mutur tiegħu fuq din il-vettura fuq in-naħa ta' wara tal-lemin. Fil-konklużjoni tagħha il-Maġistrat Inkwirenti qalet li l-imputata kienet ippruvat tagħmle U-turn skont ir-apport tal-esperti nominati minnha u b'hekk is-sewwieq tal-mutur kien daħal bil-mutur tiegħu fuq il-karozza.

39. Fil-kontro-eżami l-Ispettur qal li l-Maġistrat kienet qalet li s-sewwieq tal-mutur kien qed isuq bi speed eċċessiv.

**40. PS 664 Jason Scerri** xehed li meta mar fuq il-post flimkien mal-Ispettur Paul Bond huma sabu li l-motor cycle kien ħalla diversi metri ta’ brake marks u kien qed iħares wiċċu lejn Buġibba filwaqt li l-vettura JPD 070 kienet qed tħares wiċċha lejn il-Mosta. L-appellata kienet qalet lix-xhud li hija kienet xegħlet l-indicator biex taqla’ l-karozza ta’ quddiemha u f’daqqa waħda ħasset daqqa kbira minn wara u l-karozza daret lejn in-naħa l-oħra. Ir-raġel tal-appellata ikkonferma dak li kienet qalet martu. (fol 18).

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li kien kellem lis-sinjuiri Debono dak in-nhar stess xi kwarta jew nofs siegħa wara li nqala’ l-inċident.

**41. Xehdu Dr Mario Buttigieg u s-sur Joseph Zammit**, li kienu esperti maħturin mill-Qorti u kkonfermaw ir-rapport li kienu għamlu flimkien.

42. Skont dan ir-rapport, l-appellata kienet qalet li fil-jum tal-inċident kien hemm ħafna karozzi sejrin lejn Burmarrad u kienu mexjin bil-mod ħafna. Kienu weqfin fit-traffiku.. Hekk kif daret mal-liwja u niżlet ftit metri ħasset daqqa fuq wara u l-vettura daret. Mets seħħet il-ħabta il-vettura kienet għadha kemm bdiet miexja. Ma ftakritx jekk dak il-ħin kinitx daħħlet xi gear jew kenitx nieżla free. Fin-niżla hija kieent qed issuq fuq in-naħa ta’ barra. Lil tal-mutur hija qatt ma ratu u lanqas semgħet xi ħsejjes tal-magna. Hi kellha tiġbed l-isteering in-naħa tal-lemin peress li rat lil ta’ quddiemha jixgħel l-indicator. Iss-ewwieq ta’ qablu ġibed aktar ‘il barra u hija għmlet bħalu. Hija xegħlet l-indicator u bdiet tagħmle il-manuvra li kien għamel ta’ quddiemha. L-appellata qalet ukoll:

‘Jien qatt ma kont ser nagħmel u-turn peress li jien ma kelli ebda skop li mmur lejn il-Mosta.’

I43. s-Sur Joseph Debono kien xehed li hekk kif qabdu t-triq ta’ Burmarrad bdew mexjin bil-mod ħafna. F’daqqa waħda ħass daqqa fuq wara. Niżlu s-side curtains tal-vettura u l-mara bdiet issaqsieh x’kien ġara. Imbagħad il-mara qaltlu li kien hemm persuna mal-art u hu, peress li

huwa tabib, niżel jagħti l-ewwel għajnuna. Huwa ma kienx jaf jew ma rax jekk martu kenitx qed tagħmle manuvrfa ta' overtaking jew tiġbed l-isteering lejn in-naħa tal-lemin.

44. Fl-istess rapport hemm imniżżel dan:

'F'din it-triq prinċipali m'hemm ebda side roads. Wieħed jista' jgħid li din it-triq għandha two-way system iżda fejn seħħ l-inċident it-triq tidjiq u ssir one-way system. Fin-nofs tat-triq hemm ukoll sinjali ta' żebgħa ta' linji dritti u dan jindika li l-vetturi ma jistgħux jaqbżu vetturi oħra u jmorru għal fuq il-karreġġjata l-oħra. ...It-triq hija dritta u għalhekk il-viżibilita' għas-sewwieq mhix ristretta. .....

45. L-akbar ammont ta' ħsara fuq il-vettura jinsab fuq in-naħa tal-lemin.......

46. Il-ġisem tal-vittma kien mitluq mal-art f'nofs it-triq, żewġ metri 'l bogħod mill-mutur li hu kien qed isuq. Kien osservat ukoll li l-vettura daret għal fuq il-karreġġjata l-oħra u spiċċat tħares lejn San Pawl tat-Tarġa. Kien hemm għadd sostanzjali ta' grif fuq it-triq. Dan il-grif sar mill-mutur meta tkaxjar mat-triq. Kien hem sinjali friski fuq il-ġenb tal-mutur li dehru li saru qabel il-ħabta attwali. ..

47. Il-mutur kellu daqqa frontali u sinjali ta' brix fuq it-tyres tal-mutur. Kien stabbilit li l-kerb wieght tal-vettur kien ta' 1244 kilos filwaqt li din tal-mutur kient ta' 163 kilogramma.

48. Il-veloċita' tal-mutur kienet qawwija ħafna u li dan kien daħal minn wara fuq il-vettura.

49. Il-fattur importanti tal-impatt kienet il-veloċita'. (fol 19).

50. Għal xi raġuni r-roti tal-karozza misjuqa mill-appellata kienu mdawrin. Mal-impatt il-mutur u l-vettura imxew wara xulxin fid-direzzjoni li kienu qed iħarsu r-roti filwaqt li s-sewwieq ġie mitfugħ minn fuq il-mutur u baqa' għaddej dritt u sussegwentement waqa' mal-art......

51. L-impatt seħħ f'nofs it-triq – fuq il-carriageway marking. Dan kien stabbilit minħabba l-gauge marks fuq

wiċċ it-triq. Wara l-impatt, il-mutur baqa' sejjer taħt il-vettura. Bid-daqqa kemm il-vettura kif ukoll il-mutur spiċċaw fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Infatti l-vettura spiċċat tħares fid-direzzjoni opposta. Dan juri li l-vettura tal-appellata kellha t-tyres imdawrin sabiex tagħmel xi manuvra ta' u-turn.....

52. (L-appellata) kienet bdiet iddawwar l-isteering sabiex tesegwixxi u-turn. Is-sewwieq tal-mutur kien qed jaqbeż vetturi oħrajn u x'ħin ra l-vettura quddiemu nħasad u ma kienx kapaċi jwaqqaf il-mutur.

53. Fil-kontro-eżami (fol 95), huwa qal li l-karrozza tal-appellata kienet fuq s-side tagħha sejra lejn Burmarrad. Il-karozza kellha ħsarat on the rear right hand side. L-ispot of impact huwa dak immarkat D fuq il-pjanta[1] fuq is-side tal-karozzi fejn kienet qed issuq l-appellata. (fol 96). ( Iżda ara wkoll x'intqal a fol 109: 'Il-ħabta seħħet fuq il-carriage way markings).

54. Huwa qal li l-veloċita' tal-mutur kienet b'saħħitha għax kemm il-mutur u kemm il-karozza mxew distanza sew. L-ewwel kemm l-iscratches fit-triq u imbagħad kien hemm l-impatt. Il-mutur skiddja u ħabat fuq wara tar-rota tal-karozza li kienet nieżla fit-triq. (fol 98). Infetħu is-side curtains ta' fuq in-naħa tal-lemin. Il-veloċita' tal-mutur tant kienet qawwija li l-karozza daret għan-naħa l-oħra tat-triq. Il-U turn qatt ma saret. Kienet għadha fil-karreġġjata tagħha, pero' r-roti kienu jindikaw li forsi kienet ser tagħmel manuvra żgur għax kieku ma kenitx tispiċċa kif inhi. (fol 101) L-espert ikkonferma li kien hemm l-iscratch marks fit-triq u l-mutru ħabat fuq in-naħa ta' wara tar-rota tal-karozza li kienet nieżla fit-triq.

55. Fis-seduta tas-**7 t'April, 2011**, ix-xhud stabilixxa li s-sewwieq tal-mutur kien għaddej bil-65 mil fis-siegħa. (104 kilometru fis-siegħa) (fol 106). L-ispeed tal-impact kien 42 mil fis-siegħa (67.2 kilometri fis-siegħa) u l-inċident dam 0.096 ta' sekonda. Is-sewwieq tal-mutur seta' jara l-veduta li kien fit-triq. Kien hemm brix minn **18-il metru**

[1] Il-perit jiddeskrivih bħala 'Roqgħa tifrik (debris) tal-mutur.

**qabel ma seħħ l-impatt**. L-espert qal ukoll li kieku l-karozza kienet għaddejja fid-direzzjoni tal-Mosta qatt ma kienu jaħbtu. Fuq insistenza tad-difiża x-xhud wieġeb hekk a fol 109:

‘Kienet ser tibda l-esekuzzjoni tal-U-turn. Iva. Nista’ ngħidha.’ U
‘Ir-roti kienu mdawrin żgur.’
‘Iva angolati. Li meta ħadet it-daqqa, l-karozza lettralment daret. Kieku kienet ser tagħmel overtaking, kieku kienet tinżel ‘l isfel.’
**‘Le. Il-ħabta seħħet fuq il-carriage way markings.’**

56. A fol 118 (fit-tieni rapport tiegħu ppreżentat fis-7 t’April, 2011) l-espert waqt li kkonstata li l-appellata kienet ser tagħmel U-Turn, għal xi raġuni Adrian Julian Borg inħasad u ma setax jikkontrolla il-mutur fil-ħin li kienq ed isuq b’konsegwenza li l-ewwel skiddja bil-mutur u baqa’ dieħel ġol-vettura li kienet quddiemu. Meta l-espert reġa’ mar fuq il-post tal-inċident innota li Borg seta’ jara lil Debono minn madwar disgħin metru bogħod. Għalhekk ma setax jifhem kfi Borg inħasad bil-manuvra ta’ Debono għax Borg seta’ jara bla tfixkil speċjalment meta hu kien qed isuq fin-nofs tal-karreġġjata.

57. L-istess espert ittella’ għall-kontro-eżami mill-parti ċivili (fol 145). Ix-xhud qabel mal-parti ċivili li l-mod kif jinħadem il-coeffient of friction huwa determinanti għalkemm ikun korrett dan ir-riżultat illi naslu bil-fomulae b’kemm ikun għaddej is-sewwieq. B’referenza għal dak li kiteb hu fir-rapport (7.2 fol 121) ix-xhud spjega li kien hemm żewġ tipi ta’ co-efficients (o.65 u 0.78) għaliex wieħed minnhom qed iqis il-mutur qed jiskiddja u l-oħra meta l-mutur ikun għaddej fuq ir-roti. Meta għandek ħadid mal-art għandek coefficient ta’ ċertu ammont ta’ friction waqt li meta r-roti jkunu mal-art ser ikollok co-efficient ieħor. Meta l-mutur iqkun qed jiskiddja, għandek co-efficient ta’ 0.65. Aktar ma jkun baxx il-coefficient, aktar il-veloċita’ tkun għolja. (fol 149). Huwa kompla jżid li aktar ma jkun hemm reżistenza aktar ser jogħla l-co-efficient of friction. (fol 152).

58. Ix-xhud ma qabilx li l-karozza mxiet bil-power tagħha stess wara l-impatt (fol 153). La l-ispot of impact seħħ fuq il-karreġġjata fin-nofs, allura l-impatt bilfors kellu jseħħ x'imkien fuq il-karreġġjata.

59. Huwa qal li la kien hemm brake marks u lanqas skid marks tat-Toyota għaliex li kieku din dawret jew saqet kien ikun hemm xi tip ta' marking żgur. (fol 154). Biss huwa qabel li kien hemm dawrien tal-karozza. Dan sarf bis-saħħa tal-impatt. Il-karozza jew kienet wieqfa jew inkella kienet għaddejja b'veloċita' litterlament baxxa beix tagħmle U-Turn. Ix-xhud qabel li l-ħabta ma kenitx fuq il-bumper ta' wara u li ma kienx hemm bżonn li l-impatt ikun fuq is-sensor biex jiġi deployed. Ix-xhud kien muri r-ritratt 07ARD 124 u huwa kkonferma li dan kien li ra huwa bħala impatt.

60. Għal domanda tal-avukat difensur, ix-xhud wieġeb li l-karozza ma daritx 90 grad. Wara l-impatt daret iktar minn 90 grad sewwa imma kienet anqas minn 90 grad qabel ma seħħ l-impatt. Ix-xhud kompla jispjega li l-analista m'għandux joqgħod fejn jieqaf l-ispeedometer.

61. Xehed ukoll **PS 186 Christian Mintoff**, espert imqabbad mill-Qorti, u kkonferma r-rapport li kien fih ir-ritratti.

62. Xehed **ukoll il-Perit Richard Aquilina** li kkonferma r-relazzjoni tiegħu (fol 38).

63. A fol 46 xehed ukoll **Noel Cefai** li qal li kien qed isuq coach bil-passiġġieri fid-direzzjoni ta' Burmarrad meta ra l-mutur warajh. Ix-xhud kien waqqaf mal-ġenb ta-triq. X'ħin wasal qisu t-tielet karozza minn quddiemu, din għamlet u-turn u saqet 'il fuq fid-direzzjoni tal-Mosta. Il-mutur kien close magħha. Milli deher ipprova jżomm il-brake imma ma kellux ċans. Kien too close mal-vettura u żelaq. Il-mutur ħareġ minn taħtu, ħabat mal-karozza u baqa' sejjer għal ġol-bankina. Il-mutur ħabat mar-rota ta' wara tal-karozza. Peress li huwa kien qiegħed fuq coach huwa seta' jara sew x'kine qed jiġri n-nħa t'isfel tat-triq. Huwa ma rax il-karozza tagħmel xi indikazzjoni. Ix-xhud

qal li s-sewwieq tal-mutur ma kienx għaddej bis-saħħa għax kien għadu kemm waqaf ħdejh. Ħareġ raġel u beda jagħti l-għajnuna.

64. Fil-kontro-eżami x-xhud qal li wara l-inċident bdew in-nies stess bdew idawruhom ‘il fuq għax it-triq ingħalqet. Ix-xhud kien għafas il-coach mal-ġenb sabiex il-mutur seta’ jgħaddi. Hawn tenna li s-sewwieq tal-mutur kien waqaf ħdejh u sellimlu. Lis-sewwieq tal-mutur huwa ma kienx jafu. Il-karozza li ħabat fiha l-mutur kienet it-tielet waħda minn quddiem u l-karozza kienet qisha dritta kontih. (fol 58). Ma ġietx dritta tħares ‘il fuq iżda tħares lejn il-ħajt. Hija u ddur ġiet dritta. Ix-xhud kien qed iħares ‘l isfel u hi qed tħares lejn il-ħajt. Huwa nnega li l-karozza kienet għadha ġos-side tagħha (fol 59). X’ħin qalgħet ‘il fuq hu sabha, ġie magħha. (fol 59).

65. Xehed ukoll **Brian Farrugia** li kkonferma li l-mutur Kawaskai ZX 900 kien irreġistrat fuq isem Adrian Julian Borg waqt li l-karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni JDB 070 kienet irreġistrata f’iem is-sur Joseph Debono.

66. Xehed **Dr Michael Sammut** li kkonferma li l-mejjet ma kienx taħt l-influwenza tal-alkoħol jew tad-drogi.

67. Xehdet **Dr Elizabeth Xuereb** li kkonfermat li sabet lis-sewwieq tal-mutur mejjet.

68. Skont ir-rapport imħejji mill-Professoressa Marie Therese Camilleri u Dr Ali Salfraz, il-mewt tas-sewwieq tal-mutur ġrat minħabba ‘hypovolaemic shock caused by the transection of the aorta following a motor vehicle accident.’ (fol 67 tal-proċess verbal)

**69. L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli (fol 89): 225 tal-Kap 9, 15(1)(a)(2) tal-Kap 65; ir-regolament 2 tal-Avviż Legali 94 tas-sena 1969 kif emendat. (fol 89)**

70. Xehed **Dr Joseph Debono** li qal li huwa u martu kienu sejrin lejn Bugibba u sabu traffic jam ‘l isfel minn Tarġa Gap. Kienu weqfin u kif ser jibdew jimxu ħassew daqqa kbira minn wara. Il-karozza ċċaqalqet u kien hemm

raġel li waqa' mal-art. Huwa mar jagħtih l-ewwel għajnuna. Huma kienu ħerġin in-naħa ta' barra tal-kuritur għax kienu qegħdin isegwu t-traffiku. Kienu ħarġu fuq in-naħa ta' barra tal-lane.

71. Il-parte civile staqsietu jekk il-ħabta saritx in-naħa ta' wara imma mhux fuq il-luggage boot imma mal-ġenb fuq in-naħa ta' wara. (fol 140) Ix-xhud wieġeb li dan ma setax ikun. Huwa ċaħad li l-karozza daret 'il fuq imma daret 'to one side.'

72. Fit-tieni parti tar-ri-eżami mid-difiża x-xhud qal li l-karozza kienet alzata u mitfugħa 'il quddiem.

Ikkonsidrat

73. Jekk wieħed jagħsar fi ftit kliem l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali, dan jista' jkun ridott hekk: l-appellata kienet qed tinvadi l-carriage way markings – tant li l-impatt sar hemm; ma żammitx a proper look out; u kienet qed tagħmel u-turn.

74. L-Avukat Ġenerali ma kkontestax li l-vittma kien qed jagħmel manuvra ta' sorpass kontra r-regolamenti.

75. Il-Qorti fliet sewwa l-atti b'mod speċjali:

Ir-ritratti (07 ARD 101);07 ARD 102; 07ARD 103; 07ARD 104; 07 ARD 121; 07 ARD 123 u 07 ARD 124.

76. Dan tal-aħħar juri d-daqqa li hemm fuq in-naħa tal-lemin tal-karozza minn wara. Id-daqqa tidher ukoll fuq in-naħa t'isfel ta' wara tal-bieba li tiġi wara fejn joqgħod is-sewwieq.

77. Ritratti minn dawk imsemmija juru l-karozza tħares lejn in-naħa tal-Mosta u maqlugħa sew mill-karreġġjata li tieħu lejn Burmarrad. L-appellata kienet qed issuq lejn Burmarrad. Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni wkoll li l-forza tal-impatt mal-mutur min-naħa ta' wara tal-karozza seta' kompla żied fl-angolatura 'l fuq.

78. Dokument ieħor li din il-Qorti fliet sew huwa l-isketch li ħejja l-perit Richard Aquilina fejn wera t-tkaxkir tal-mutur (kalkulat madwar tmintax-il metru) , id-debris (immarkat D), il-karozza u l-mutur fuq il-karreġġjata, il-karozza barra l-karreġġjata u l-pożizzjoni tal-vittma f'nofs il-karreġġjata.

79. Importanti ferm huwa dak li jgħid l-espert tal-qorti fl-ewwel u fit-tieni rapport tiegħu. L-aktar importanti huma:

(i) Il-veloċita' tal-mutur kienet waħda qawwija peress li l-post impact jindika li bil-ħabta l-vettur mxiet diversi metri. Għalhekk il-fattur importanti tal-veloċita' kien l-impatt; Din il-veloċita' kienet ikkalkolata bħala 65 mil fis-siegħa jew 104 kilometru fis-siegħa.

(ii) Irriżulta b'mod lampanti li s-sewwieqa ta' din il-vettura kienet għal xi raġuni dawret ir-roti u għaldaqstant il-vettura tagħha kellha r-roti mdawrin. Dan id-dettal reġgħet saret referenza għalih fit-tieni rapport li l-Qorti qabbdet lill-espert jagħmel. Ir-rapport kien intiż sabiex jistabilixxi l-veloċita' tal-mutur u jekk is-sewwieq tal-mutur setax jinduna bil-manuvra li kienet ser tagħmel l-imputata. (fol 94). Dwar l-aħħar punt l-espert issottometta li l-vittma seta' jara lill-appellata minn disgħin metru bogħod.

(iii) ix-xhieda li ta Noel Cefai li din il-Qorti ssib li **parti minnha** taqbel ma' dak li kien konstatat mill-espert. Dan ix-xhud qal li l-appellata kienet qed tagħmel u-turn u li hu raha b'għajnejh. Dan il-punt huwa msaħħaħ kemm bir-ritratti, bl-isketch u bil-konklużjoni tal-espert. Din kienet konklużjoni li baqa' jsostni wkoll jekk ittella' jixhed diversi drabi. Anzi l-espert beda jisħaq fuq il-minimum tal-manuvra.. Meta tkellem dwar l-angolu inizjali ta' kif kienet il-karozza, huwa nsista li dan kien ħafna anqas minn 90 grad. Jiġifieri għall-espert il-karozza spiċċat kif spiċċat – wiċċha tħares lejn il-Mosta - parzjalment minħabba l-impact li kien hemm. Drabi oħra qal li l-manuvra tal-u-turn kienet fil-bidu tagħha. Biss l-espert qatt ma abbanduna l-konklużjoni magħmula minnu fil-bidu dwar kif kienu mdawrin ir-roti.

80. Min-naħa l-oħra mhix toqgħod fuq ix-xhieda ta' Noel Cefai f'dik il-parti fejn ta l-impressjoni li l-ispeed tal-vittma kien wieħed normali. Din il-parti m'hi sorretta bl-ebda prova - anzi tmur kontra dak li kien stabbilit mill-ewwel mumenti u kkonfermat b'mod xjentifiku aktar tard.

81. Huwa tassew li kemm l-appellata (fid-depożizzjoni quddiem l-espert) kif ukoll ir-raġel tal-appellata, meta xehed, qalu li qatt ma kellhom f'moħħhom li jmorru lura lejn il-Mosta. Iżda r-ritratti, ix-xhieda ta' Cefai u l-konklużjoni tal-espert juru xort'oħra.

82. Jinkombi wkoll fuq kull sewwieq li jżomm a proper look out – speċjalment meta b'xi mod ser jibdel il-pożizzjoni tiegħu irrispettivament ta' x'kien qed jagħmel is-sewwieq ta' quddiemu.

83. Wara li qieset dan kollu l-Qorti qed tikkonkludi li l-appellata kienet qed tikser ir-regolamenti tat-traffiku bil-manuvrar tagħha imqar meta kienet qed tinvadi l-parti tan-nofs tat-triq (fejn hemm sinjal li teknikament jista' jitqies bħala 'ħajt') kienet x'kienet il-manuvra li riedet tagħmel. Parti mir-raġuni għall-inċident kienet minħabba l-pożizzjoni tal-appellata u l-manuvra li kienet qed tagħmel. Huwa sinifikanti li x-xhieda ta' Cefai taqbel mal-konklużjoni li kien wasal għaliha l-perit maħtur mill-Qorti. Ġaladarba dawn huma msaħħin bir-ritratti u l-isketches il-Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li l-appellata bil-manuvra tagħha kkawżat l-inċident.

L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk:

' **225.** (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew **b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti**, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd,'

84. Il-Qorti hija moralment konvinta li fil-mument tal-impatt, l-appellata ma kenitx qed timxi mar-regolamenti tat-traffiku b'mod strett u kienet ukoll xi ftit traskurata għax ma żammitx 'a proper look out.' Jirriżulta li ċċaqalqet f'parti dejqa tat-triq, fejn hemm sinjali li int ma tistax tmur

fuqhom. Mingħajr ma riedet kienet parti mill-kawża tal-inċident.

85. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tħossx li jkun ġust li titwaddab il-ħtija kollha fuq l-appellata għal dak li ġara. Il-vittma kien jaf li qed jagħmel manuvra xejn ortodossa billi

(i) jipprova jibqa' jsuq minkejja li kien hemm serbut ta' karozzi ġġammjat,
(ii) jinvadi l-karreġġjata tan-nofs kif ukoll
(iii) kien għaddej bi speed ta' 24 kilometru AKTAR fis-siegħa minn dak permess mir-regolamenti. Dawn jippermettu 80 kilometru fis-siegħa f'dik in-naħa (li hija ridotta għal 70 aktar 'l isfel fit-triq). Għalhekk il-vittma kien qed jeċċedi l-ispeed bi 30 fil-mija minn dak regolari. It-tkaxkir ta' tmintax-il metru jitkellem waħdu.

86. Barra dan il-Qorti qed tikkonsidra wkoll dak li qal l-espert fl-ewwel rapport tiegħu li l-Qorti tħoss li għandha tirrepeti:

'Intant il-fattur importanti tal-impatt kienet il-veloċita'.'

87. Fuq kollox il-vittma nnifsu kellu jżomm 'a proper look out' għaliex jekk hu kien qed jieħu ċertu riskju, ma riedx jieħu 'for granted' li ħadd ieħor aktar 'il quddiem fit-triq mhux ser jie]uxi riskju wkoll. Dan kien jgħodd aktar u aktar meta deher ċar li kien hemm problema fit-traffic flow.

88. F'dan l-inċident il-kontribuzzjoni tal-vittma għal dak li seħħ hija waħda **kbira. U l-Qorti ma tistax tinjora din il-kontribuzzjoni.**

**89. Għaldaqstant il-Qorti, għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali b'dan pero' li qed tikkonsidra wkoll l-imġiba tal-vittma bħala sewwieq fil-ħin li seħħ l-inċident.**

## Konklużjoni

**90. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, <u>b'mod speċjali l-parti kontributorja kbira tal-vittma</u>, qed tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi nhar il-15 ta' Ġunju, 2012, billi qed tħassarha fejn ma sabitx lill-appellata ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u fejn illiberata minnhom u minflok, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kap 9, l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 u r-regolament 2 tal-Avviż Legali 94 tas-sena 1969 kif sussegwentement emendat, qed issibha ħatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontriha u qed tikkundannaha tħallas multa ta' elfejn Ewro u qed tiskwalifikaha milli tottjeni jew ikollha liċenzja tas-sewqan għal żmien tliet xhur mil-lum.[2]**

91. L-appellata għandha tħallas l-ispejjeż tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] L-Avukat Ġenerali rrefera għall-artikolu 15(1)(2) tal-Kap 65 biss.